19 ta' Diċembru, 1953.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

John Cole *versus* Dr. Calcedonio Zammit, M.D. et.

**Elezzjoni — Assemblea Leġislativa — "Election Petition" — "Objection" — Reg. 17 (1) tal-Polling Regulations, 1939.**

*L-"objection" kontemplata fir-regolament 17 (1) tal-Polling Regulations ta' l-1939 hija mehtieġa in konnessjoni ma' kwistjonijiet fuq it-trasferiment ta' voti riportati fl-elezzjoni, u mhux in konnessjoni mal-propożizzjoni ta' "election petition".*

*Għaldaqstant ċitazzjoni li ssir biex kandidat li ġie dikjarat elett f'elezzjoni tal-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa jiġi dikjarat li ma għandux jedd ikun jew jibqa' membru ta' l-Assemblea ma hix nulla billi ma tkunx ġiet preceduta minn dik l-"objection".*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni fejn l-attur, wara li ppremetta illi ġie dikjarat elett għal dak id-distrett il-konvenut Dr. Calcedonio Zammit b'voti ugwali daqs kemm ġieb l-attur, u dan billi, kif ġie allegat, l-istess Dr. Zammit kellu "first preference votes" aktar milli kellu l-attur; u li nqalgħu diversi kwistjonijiet dwar validità u "transfers" ta' voti, u filfatt il-"counts" u t-"transfers" li saru kienu żbaljati a preġudizzju ta' l-attur, u jekk dawn l-iżbalji jiġu korretti jkun jirriżulta li l-konvenut Dr. Calcedonio Zammit ottjena voti anqas milli ottjena l-attur; u illi, konsegwentement, ma kellux jiġi dikjarat elett il-konvenut Dr. Zammit għar-Raba' Distrett. imma l-attur; u wara li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u speċjalment il-provvediment biex il-konvenut Carmelo Agius Gilibert u l-konvenuti l-oħra Kummissarji Elettorali jagħmlu "recount" intier talvoti kollha, wara li jiġu eżaminati anki dawk il-voti li ġew dikjarati invalidi, biex tiġi aċċertata l-validità tagħhom o meno, tar-Raba' Distrett Elettorali, għall-aċċertament tar-riżultat veru ta' dina l-elezzjoni; talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmi Dr. Calcedonio Zammit ma għandux id-dritt li jkun u li jibqa' membru ta' l-Assemblea Leġislativa bħala elett għar-

Raba' Distrett Elettorali, għaliex il-maġġjoranza tal-voti ġiet ottenuta mill-attur, u illi konsegwentement għandu jiġi dikjaratt elett hu minflok il-konvenut Dr. Zammit;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut Dr. Calcedonio Zammit, li eċċepixxa (a) in-nullità taċ-ċitazzjoni, billi mhix preċeduta mill-"objection" bil-mod rikjest mill-liġi, u anki għax it-talba mhix għal kollox ċara, u (b) ir-riżultat ta' l-elezzjoni kif annunzjat mill-Election Commissioners hu korrett fil-fatt u fil-liġi, u għalhekk ma hemmx lok għat-talbiet mitluba;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Dr. Calcedonio Zammit;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra, li eċċepew illi huma ħassew li ma kellhomx jgħoddu l-għadd mill-ġdid tal-voti mogħtija fid-distrett elettorali fil-kwistjoni, skond il-poter diskrezzjonali li għandhom, peress li kienu soddisfatti mill-akkuratezza tal-għadd preċedenti; li l-attur ma jurix, iżda biss jallega, li saret xi ħaġa li ma kienetx regolari dwar it-trasferimenti tal-voti fl-istess distrett; li għalhekk ittalbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kollha, barra Dr. Zammit;

Rat in-nota ulterjuri ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr. Zammit, li qal li l-azzjoni odjerna hija improponibili, għax ma ġietx preċeduta mill-"objection" bil-mod kif trid il-liġi, u dan iġib ukoll għall-karenza ta' l-azzjoni;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Semgħet id-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni preliminari sollevata millkonvenut Dr. Zammit;

Illi ċ-ċitazzjoni ma tistax titqies nulla, għaliex fiha r-rekwiżiti kollha tal-liġi, u hija suffiċjentement ċara fl-oġġett u r-raġuni tat-talba. Għalhekk l-eċċezzjoni tan-nullità "ut sic" mhix fondata;

Illi, kwantu għall-eċċezzjoni l-oħra, ta' l-improponibilità ta' l-azzjoni minħabba n-nuqqas ta' l-"objection" bil-miktub kif trid il-liġi, mill-art. 17 (1) tal-Polling Regulations 1939 jidher ċar li r-rekwiżit ta' l-"objection" huwa in konnessjoni

ma' kwistjonijiet fuq trasferimenti ta' voti, u mhux in konnessjoni mal-propożizzjoni ta' "election petition";

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjonijiet, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Dr. Zammit.